MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 39/2006

**Deloitte & Touche Limited**

**vs**

**Dr. Tonio Azzopardi bhala kuratur bex jirrapprezenta lil Astral Industrial Corporation Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-rikors fuq indikat datat it-8 ta' Frar tas-sena 2006 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' Astral Industrial Corporation Limited, debitament rapprezentata mill-kuratur Dr. Tonio Azzopardi biex tghid ghaliex ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, disa' mija u erbgha u sittin Lira Maltin u sittin centezmu,(LM2964.60,0), rapprezentanti servizzi ta'

“accountancy” u konsulenza oltre VAT u spejjez relatati, liema somma hija dovuta bil-mod segwenti:

a. Kwantu ghal disa’ mija u hames Liri Maltin u hamsin centezmu, (LM905.50,0), bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura datata 12 ta’ Dicembru tas-sena 2003, (kopja hawn annessa bhala Dok. “A”);

b. Kwantu ghal elfejn, u disgha u hamsin Lira Maltin u ghaxar centezmi, (LM2059.10,0), skond fattura datata 31 ta’ Mejju tas-sena 2004, (kopja hawn annessa bhala Dok. “B”);

2. Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet mid-dati ta’ hrug tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv bis- socjeta’ Astral Industrial Corporation Limited ingunta ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-kuratur nominat ghas-socjeta’ Astral Industrial Corporation Limited datata t-8 ta’ Gunju tas-sena 2006 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi l-eccipjent ma huwiex edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk qed jirriserva d-dritt li jissolleva l-eccezzjonijiet tieghu fi stadju ulterjuri;

2. Illi r-rikorrenti Deloitte & Touche Limited ghandha tipprova li tassew ipprovdiet is-servizzi kollha ndikati fid-Dokumenti “A” u “B”, (cioe’ l-invoice datat 12 ta’ Dicembru tas-sena 2003 kif ukoll l-invoice datata 31 ta’ Mejju tas-sena 2004), billi tipprezenta fl-atti tal-kawza kopja tax-xoghol maghmula;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta' konvenuta assenti rapprezentata f'dawn l-atti mill-kuratur appozitament nominat kienet talbet lis-socjeta' attrici biex tipprovdilha certu servizzi rigward kumpaniji extra-territorjali cioe "off-shore";

2. Illi fil-fazi tan-negozjati s-socjeta' attrici baghtet lis-socjeta' konvenuta fuq indikata dik id-dokumentazzjoni necessarja biex tkun infurmata minn qabel bit-tarriffarju impost mis-socjeta' attrici ghas-servizzi minnha rezi;

3. Illi skond wiehed mid-diretturi tas-socjeta' attrici, s-socjeta' konvenuta kienet accettat dawn it-tariffi kemm verbalment kif ukoll bil-miktub;

4. Illi l-fatturi pprezentati in atti mis-socjeta' attrici jaghtu elenku dettaljat kemm tal-formularju operat kif ukoll tas-servizzi rezi, (ara fol 2 sa 5 u 37) lis-socjeta' konvenuta;

5. Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta intalbet tissalda l-ammont minnha dovut ghas-servizzi lilha rezi, din baqghet inadempjenti u konsegwentement kellha tigi intavolata din il-procedura;

6. Illi minn naha taghha, la s-socjeta' konvenuta u lanqas il-kuratur nominat in rapprezentanza taghha ma resqu ebda tip ta' difiza fil-konfront tat-talbiet attrici;

Ghaldaqstant din il-qorti tqis li s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha skond il-ligi u konsegwentement:

1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta Astral Industrial Corporation Limited ghandha thallas lis-socjeta' attrici Deloitte & Touche Limited l-ammont ta' elfejn, disa'

mija u erba' u sittin Lira Maltin u sittin centezmu, (LM2,964.60,0);

2. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta fuq indikata kif rapprezentata f'dawn l-atti mill-kuratur deputat Dr. Tonio Azzopardi biex thallas lill-istess socjeta' attrici fuq nominata l-ammont fuq likwidat;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi mid-data ta' din is-sentenza.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------